# Il-Kompjuter Maġiku



Meta ma jkollix x'nagħmel inħobb nilgħab xi logħba fuq il-kompjuter. L-iktar logħba li togħġobni jisimha 'Fifa World Cup Penalty Shoot Out 2013'. Din il-logħba tgħidx kemm togħġobni!

Din tintlagħab billi nagħfas fejn irrid nixxuttja, imbagħad nagħfas 'go'. It-tieni parti tintlagħab billi nagħfas fejn ħa jixxuttja l-plejer u nagħfas 'go'. Il-karattru tal-logħba jismu 'Wayne Roony' jew 'Robin Van Persie'.

Darba kien il-Ħadd u kont qiegħed nilgħab din il-logħba. F'daqqa waħda ħarġet dija kbira mill-kompjuter. Mad-dija ħareġ ukoll riħ qawwi. Il-kompjuter ġibidni ġo fih u ħadni ġol-grawnd. Fil-logħba kont qed nirbaħ. Konna ħamsa b'xejn. In-nies tgħidx kemm werżqu!

F'daqqa waħda erġajt rajt id-dinja u reġa' qam ir-riħ u erġajt sibt ruħi fil-kamra tiegħi. Mort ngħid lil ommi x'kien ġara u hi ma riditx temminni! Kemm hi sabiħa din l-esperjenza!

Matthew Portelli – 8 snin – Ir-Raba' Sena – L-Iskola Primarja tal-Imqabba





